# ISMIJIET TA' TOROQ F'BIRKIRKARA

Jikteb Joseph A. Deacon

Lejn ix-xaqliba tal-iskola tal-Gvern li nfetħet fis-sena 1930 insibu ismijiet ta' toroq msemmija għal patrijotti Karkariżi li ġġieldu kontra l-Franċiżi.

**Ċensu Busuttil, Franġisk Xerri** bin Randi, **Anġlu Attard** żewġ Rosi u ibnu **Ġanni Attard, Ġużeppi Ciantar** żewġ Marianna u **Pietru Psaila** mietu fl-attakk ta' Marsamxett u ġew xkubettjati mill-Franċiżi fis-sena 1799.
**Anġlu Mallia** (1748-1798) iben Franġisku u **Ġanni Borg** (1760-1798) iben Ġużeppi mietu fuq il-post t'taqtiegħa mas-suldati Franċiżi ħdejn l-arkata l-baxxa ta' l-Imrieħel.
**Toni Wizzini** ta' 60 sena ġie ferut fl-istess post u miet fil-5 ta' Ottubru 1798.
**Ċensu Borg** ta' 55 sena iben Salvu safà ferut ma sħabu u miet fis-6 ta' ottubru 1798.
**Ġanni Borg** ta' 19-il sena iben Nazju safà ferut u miet ġranet wara.
**Indrì Calleja**, Karkariż ieħor ta' żmien l-imblokk kien il-kap tan-nies mill-battaljun ta' Birkirkara u ġie mfaħħar kif mexxa n-nies tiegħu.
(E.B. Vella, 'Storja ta' Birkirkara', paġ 303 *et seq*)
**Ċensu Borg Braret** (1767-1837) Fid-19 ta' Novembru 1928 Braret Street issemmiet hekk biex jibqa mfakkar dan il-Patrijott Karkariż li għen ħafna u għamel tajjeb bi flusu biex il-Karkariżi u l-Maltin jeħilsu mill-ħakma Franċiża (1800-1802). Hu mexxa l-battaljun ta' Birkirkara fir-rewwixta kontra tagħhom u ħassu kburi meta Malta sabet l-għajnuna tal-Kuruna Ngliża. Hu ħallas għall-istatwa ta' Santa Liena (1837) u kien benefattur tal-Knisja Kolleġjata ta' art twelidu. Fl-inħawi tal-Fleur de Lys hemm Triq Borg li hija msemmija għalieh ukoll.

Braret li għandha tinkiteb BRARED hija l-plural ta' barrada li tfisser ġarra żgħira. Ċensu Borg kien jimla dawn il-ġarar żgħar bit-tin li kien iqassam mal-ħobż lil dawk fil-bżonn. Minn dawn il-brared ġie l-laqam Braret li bieh hu magħruf.

(Vella E.B., 'Storja ta' Birkirkara', paġ. 433)

(Deacon, 'B'Kara Tagħrif', 1980)

**Triq l-Iskof Vincenz Labini** (1735-1807)
Mons. V. Labini twieled f'Bitonio, Bari, fl-1735. L-isqfijiet ta' Malta li mexxew il-djoċesi qablu kienu kollha barranin barra l-isqof Baldassare Cagliares, li kien Malti u rieġa fis-snin 1615-1633. Mons. Labini sar isqof ta' Malta fis-19 ta' Ġunju 1780 u fit-18-il sena ta' treġija tad-Djoċesi (1780-1807) jiftakar lill-aħħar żewġ G.M. ta' l-Ordni u tluq tal-istess Ordni Gerosolmitan mill-Gżira Maltija; il-wasla u t-tluq tal-Franċiżi fis-sentejn li damu Malta u l-ewwel seba snin tal-ħakma Ingliża.

Għalina l-Karkariżi Mons. Labini jibqa mfakkar meta (a) approva l-fundazzjoni tal-Kan. Dekan Perin Borg (1787); (b) meta fl-istess ena huwa ordna l-għeluq tal-Knisja l-qadima għad it-troll kien ser iċedi; (ċ) il-konsagrazzjoni tal-Knisja ta' Santa Liena (1782); u (d) dik tas-Santwarju "Tal-Ħerba" (1783). Miet fit-30 t'April 1807 meta kellu 72 sena.

**Triq Pawlu Grech** (4-6-1874 – 18-7-1962)
Karkariż u Patrijott. Kien tabib tar-ruħ u min jaf kemm ħadem mingħajr ma ħa l-ħlas. Ħareġ mal-Partit tal-Ħaddiema u dam fil-Parlament sal-1951. Kien wieħed mill-fundaturi tas-Soċjetà Dun Filippo Borgia (1936).